MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru. 1217/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**vs**

**Mark Pace**

**Kumpilazzjoni Nru: 1217/2008**

Illum, 9 ta' Marzu 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Pace ta' 38 sena, bin Anthony Pace u Giovanna xebba Azzopardi, iwmieled Pieta', nhar il-21 ta' Dicembru, 1969, li joqghod 83, Mill Street, Qormi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru; 87770 (M).

Akkuzat

(a) Talli nhar is-17 ta' Novembru, 2008, ghall-habta tas-1:30pm, gewwa l-hanut "Hunters Bar" li jinsab fi Triq Mdina Haz Zebbug (Malta), uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga.

U aktar

(b) Talli fl-istess data, u fi granet ta' qabel, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra, u cioe' lil certu Stephen Micallef, u b'mod li kien jaf jew kien missu jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna.

U aktar

(c) Talli sar recediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika il-provedimenti ta' l-artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 251, u 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku xhud li ta d-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri kien l-Ispettur Cachia, l-ufficjal investigativ fil-kaz in ezami. Iz-zewg kwerelanti ghazlu li jiprevalixxu ruhhom mill-fakolta li ma jixhdux stante li bix-xhieda taghhom setghu jinkriminaw lilhom infushom.

Ili fin-nuqqas tad-depozizzjoni tal-kwerelanti u ta' xi provi ohra l-imputazzjonijiet odjerni ma gewx pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------